MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 820/2010

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597)**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera**
**Argus Insurance Company (Europe) Limited**
**Vs**
**Brian Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' erba' mija, hamsa u tlettin ewro u tliet centezmi (€435.03) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€240.57) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' mija w erbgha w disghin ewro u sitta w erbghin centezmu (€194.46) l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' ittri legali, gudizzjarji u konsulti riferibbilment ghall-istess incident awtomobilistiku.

Illi matul is-sena 2007, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CBO-023 mas-socjeta’ attrici. Nhar il-21 ta’ Dicembru, 2007, sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq Lampuka, Paola bejn l-imsemmija vettura misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni GFS-007 misjuqa minn certu Jakov Cordina;

Il-konvenut baqa’ ma ressaqx *claim* mas-socjeta’ attrici relattivament ghall-incident *de quo*, u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-kapitlu 104 tal-ligijiet ta’ Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attrici;

Is-socjeta’ attrici nformat lill-konvenut sahansitra permezz ta’ ittra ufficcjali datata 30 ta’ Dicembru, 2009 illi galadarba kien jirrizulta kjarament illi l-istess konvenut kien jahti ghall-incident *de quo*, hija kienet ser thallas id-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma’ l-istess incident ai termini tal-kapitlu 104 tal-ligijiet ta’ Malta u sussegwentement kienet sejra tipprocedi fil-konfront tieghu ghall-irkupru ta’ l-ammonti kollha minnha sborsati ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva skont il-ligi;

In vista tal-fatt illi l-konvenut baqa’ ma rregistrax l-oppozizzjoni tieghu skont il-ligi, is-socjeta’ attrici effettivament hallset lit-terzi s-somma ta’ mitejn u erbghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€240.57) kif jista’ jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan il-kaz;

Galadarba l-konvenut agixxa bi ksur ta’ diversi kundizzjonijiet tal-polza ta’ assigurazzjoni relattiva u tal-ligi, s-socjeta’ attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont mitlub minnha.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittri ufficjali tat- 30 ta’ Dicembru, 2009 u tas- 16 ta’ Frar 2010 rispettivament, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-att sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, illi jibqa’ minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax ir-risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li, permezz ta’ nota, s-socjeta’ attrici cediet l-atti tal-kawza in kwantu ghas-sorte izda zammet ferm l-ispejjez. It-Tribunal jirreleva li kien sar hlas da parti tal-konvenut ghas-sorte.

Illi l-konvenut imsejjah tlett darbiet ghas-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2010 sabiex jiddefendi l-kap ta’ l-ispejjez baqa’ ma deherx.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-25 ta’ Ottubru, 2010 mill-Avukat Marita Tabone u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal u ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ghall-ispejjez bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------